**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 12 ta' Ottubru, 2022**

Rikors Numru: 300/22 AL

A B

u

C B

(M.R. Numru 2292/2012)

Rat ir-rikors konġunt tar-rikorrenti li permezz tiegħu esponew:

1. Illi l-partijiet ingħaqdu fiż-żwieġ nhar il-ħamsa u għoxrin ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnax (25/08/2012) fil-Mellieħa, Malta, kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala "Dokument A";

2. Illi minn dan iż-żwieġ, il-partijiet kellhom tifel u cioe' l-minuri D B li twieled nhar is-sittax ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbatax (16/06/2014);

3. Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni datat is-sitta ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (06/01/2022) fl-atti tan-Nutar Dottor Matthew Nicholas Borg, kopja ta' liema qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala "Dokument B";

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

5. Illi ma hemm l-ebda pendenzi rigward ħlas ta' manteniment f'dan l-istadju stante illi l-partijiet irrinunzjaw reciprokament għad-dritt tagħhom li jirċievu l-manteniment mingħand xulxin, u dan hekk kif jirriżulta minn klawsola numru erbgħa (4) tal-fuq imsemmi kuntratt tas-separazzjoni, mentri fir-rigward tal-manteniment versu l-minuri, dan qiegħed jiġi mħallas regolarment u dan hekk kif stipulat fil-klawsola numru għaxra (10) tal-imsemmi kuntratt tas-separazzjoni;

6. Illi in oltre, ir-rikorrenti A B tixtieq illi tirriverti għall-kunjom xbubitha u cioe' E;

7. Illi dawn il-fatti jinkwadraw ruħhom u jissodisfaw il-kondizzjonijiet u kriterji kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Kodici Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex il partijiet jiksbu d-divorzju;

8. Illli minghajr pregudizzju ghal fuq espost u a skans ta' kull ekwivoku jigi dikjarat mill partijiet li minkejja t-talba ghal hall taz-zwieg, l-partijiet jixtiequ izzommu fermi u impregudikati l-kundizzjonijiet kollha indikati fil-kuntratt ta' separazzjoni personali minnhom iffirmat u specifikament dak indikat f'paragrafu 23 (c) u cioe li r-rikorrent C B izomm id-dritt li jibqa jabita fil-fond appartament numru XXX sa zmien sena mis-6 ta' Jannar 2022;

Talbu lil dina l-Qorti sabiex:

1. Tippronunzja d-divorzju ossia l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet; u

2. Tawtorizza lir-rikorrenti A B sabiex tirriverti għall-kunjom xbubitha u cioe' E; u

3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru

Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal partijiet, biex isiru d-debita reġistrazzjoni u annotamenti fl-atti ċivili relattivi fir Registru Pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kodici Ċivili, Kap. 16 tal Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati taz-zewg rikorrenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Lulju 2022;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi fl-ewwel lok, il-Qorti rat li r-rikorrenti A B qeghda titlob li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` E, il-Qorti qeghda tilqa' din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-provedimenti kollha f'dan ir-rigward;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-6 ta' Jannar 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt li tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-passi kollha biex A B tirriverti ghal kunjom xbubitha "E", qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.